*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,655, 10 ta' Ottubru, 1986*

*Taqsima C*

# Nru. 159

10. 10. 86

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-8 ta' Ottubru, 1986.

**ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, Kap. 120.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Senior Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 8th October, 1986.

**AN ACT further to amend the Commissioners for Oaths Ordinance, Cap. 120.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, Kap. 120.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor.

2. Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

"(1A) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien, b'*warrant* iffirmat minnu, jaħtar persuni li jkunu temmew b'suċċess ir-raba' sena tal-Kors tal-Liġi fl-Università ta' Malta, li twassal għad-diploma ta' nutar pubbliku, u li jkunu jaqdu dmirijiethom fl-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, bħala Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, u jista' f'kull żmien iħassar kull ħatra bħal dik.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jżid in-numru ta' Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament sabiex ikun jista' jitwettaq il-volum ta' xogħol li żdied fl-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Commissioners for Oaths Ordinance, Cap. 120.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short Title.

**1.** This Act may be cited as the Commissoners for Oaths (Amendment) Act, 1986, and shall be read and construed as one with the Commissioners for Oaths Ordinance, hereinafter referred to as "the principal law".

Amendment of section 2 of the principal law.

**2.** Immediately after subsection (1) of section 2 of the principal law, there shall be added the following new subsection:

"(1A) The Minister responsible for justice may from time to time, by warrant under his hand, appoint persons who have successfully completed the fourth year of the Course of Laws at the University of Malta, leading to the diploma of notary public, and who are performing duties in the Office of the Attorney-General to be Commissioners for Oaths, and may at any time revoke any such appointment.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to increase the number of Commissioners for Oaths in the Office of the Attorney-General to cope with the increased volume of work.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*

Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*